# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 938

KAZ NRU. 1173

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Felice

u

Cyberton Limited

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 23 ta' April, 1998

**Chairman : Is-sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 1 ta' Settembru, 1997 Ref. MHS/TI/67/97 biex tigi processata skond il-Provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tmien (8) seduti.

Is-sur Joseph Felice aktar 'il quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici.

Is-sur Joe Carabott proprjetarju, pprezenta l-kumpanija, aktar 'il quddiem jissejjah il-kumpanija.

**Xhieda**

| | | |
|---|---|---|
| Joe Carabott | - | Proprjetarju |
| Phelan Cavlan | - | Technical Director |
| Victor Debattista | - | Director |
| Ivan Carabott | - | Managing Director |
| Joseph Felice | - | L-appellant |
| Ray Vassallo | - | Ex direttur tal-kumpanija |

**Dokumenti**

Ma' tul is-smigh tal-kaz gew esebiti s-segwenti dokumenti :-

(i) Sett ta' cards presonalizzati li juru r-rapprezentanza tieghu fil-kumpanija;

(ii) Ittra datata 22 ta' Lulju, 1997, mibghuta mis-sur Ivan Carabott lis-sur Felice dwar it-terminazzjoni tax-xoghol tieghu;

(iii) Formola tat-Temm ta' l-Impjieg mahruga mill-Employment Training Corporation (E.T.C.) iffirmata mis-sur Joseph Felice.

**Il-Meritu tal-Kaz**

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz, l-appellant jghid li gie mpjegat bhala "Multi-media Developer" mas-Socjeta' appellata fl-1 ta' Jannar, 1997.

Illi fit-22 ta' Lulju, 1997 is-Socjeta' tterminatlu l-impjieg billi allegat li "the position for which you were engaged does not fall within your competence".

F'Jannar 1997 is-Socjeta' siefret lill-appellant fuq tahrig fl-Ingilterra, u f'Marzu siefritu fil-Germanja waqt li wara f'Marzu huwa beda kors f'Malta ta' "video editing" kien ghadu fuq l-istess kors meta s-Socjeta' itterminatlu l-impjieg.

Hemm kundizzjoni fil-kuntratt tal-impjieg "Artiklu 8" li sa sentejn wara t-tmiem ta' l-impjieg tieghu mas-Socjeta', l-appellant ma jistax japplika l-esperjenza u l-hila tieghu ghall-vantagg ta' kompetituri tas-Socjeta'. Jekk din ir-restrizzjoni tibqa' tghodd, ixxekkel totalment l-opportunitajiet ta' mpjieg iehor ghall-appellant fis-sengha tieghu.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz il-kumpanija qalet li l-appellant kien gie mpjegat bhala "Multi-media Developer" fl-1 ta' Jannar 1997. Dan l-impjieg sar mid-Direttur precedenti Raymond Vassallo li kien igorr salarju annwali ta' Lm7,008. Dan is-salarju huwa wiehed gholi ferm u mhux selettiv mal-kwalifiki ta' l-appellant. Hemm suspett li dan l-ingagg sar aktar fuq bazi ta' hbiberija personali bejn Raymond Vassallo u l-appellant.

Tul iz-zmien li l-appellant dam fl-impjieg mal-kumpanija qatt ma ddistingwa ruhu f'xi linja ta' xoghol partikolari bhal ma ghamlu l-bqija ta' l-impjegati. B'rizultat ta' dan, il-kumpanija bdiet tassenja lill-appellant tipi ta' xoghol differenti fit-tama li forsi xi wiehed minn dawn ikun fil-kapacita' tieghu u li ma jkunx hemm il-bzonn li jitkecca.

L-appellant qatt ma kien puntwali fuq ix-xoghol u kien jaghmel xoghol li mhux suppost.

Sussegwenti ghal dan kollu tnejn mid-Diretturi kellmu lill-appellant fejn spjegawlu din is-sitwazzjoni. Min-naha tieghu l-appellant wera qbil ma dawn il-fatti u ma kien hemm ebda suggerimenti dwar kif u fejn seta' jintegra ruhu fl-

istruttura tal-kumpanija. Hu gie mitlub biex jaghmel xi suggerimenti mid-Diretturi. B'reazzjoni ghal dan, l-appellant gabar l-affarijiet tieghu, telaq minn fuq ix-xoghol u ma regax irritorna, dan sehh fit-22 ta' Lulju 1997. Fl-ahhar tax-xahar ta' Lulju l-kumpanija harget il-paga shiha ta' l-appellant minghajr ebda tnaqqis minkejja l-fatt li dan ma hadimx ix-xahar shih.

Ghaldaqstant il-kumpanija ssostni li l-appellant telaq minn jeddu mix-xoghol.

## Kunsiderazzjonijiet

Il-kumpanija qalet li huma ma riedux jkeccuh 'il barra mill-impjieg. Saru diversi tentattivi sabiex ma jitlaqx u jibqa' jircievi l-paga.

Phelan Cavlan xehed li f'zewg okkazjonijiet qabel ma' l-appellant halla x-xoghol mill-kumpanija rah jahdem fuq xi haga li ma kinitx relatata mat-tip ta' xoghol li hu kien mehtieg jaghmel. Qal li hu kien kellmu fuq hekk fiz-zewg okkazzjonijiet, izda kellu evidenza li xorta kompla. Ix-xhud qal li l-appellant ma kienx tajjeb ghal post ta' Multi-media Developer.

Victor Debattista xehed li l-appellant kien jirraporta regolari tard ghax-xoghol. Qal ukoll li kemm dam hemm hu, qatt ma kien hemm l-ebda prodott li sar, li kien konness mieghu l-appellant li ntghogob jew li nbiegh. Qal ukoll illi l-appellant kien jippartecipa f'hafna bicciet 'l hemm u 'l hawn u qatt ma kellu post specifiku. Kien minhabba f'hekk li huma sejhulu u qalulu li huma preokkupati b'din is-sitwazzjoni ghax ma kienux qed jaraw li dan qieghed fuq xi linja specifika li jistaw jutilizzawh bhal haddiehor.

Ivan Carabott xehed li l-appellant kien gie mpjegat minn Vassallo li dak iz-zmien kien it-tekniku tal-kumpanija. Qal li hu kien impjegah ghax it-tekniku tieghu kien qallu li kien jafu u li kien bniedem tajjeb. Bhala Multi-media Developer ma setax jiffittja u l-Manager ta' dak iz-zmien Vassallo qabad u ghamillu card ta' Marketing Manager qal li deher li ma kienx jista' jifittja, tant li qatt ma rah jaghmel xoghol ta' Marketing.

Ray Vassallo ex-direttur ezekuttiv ta' Oberon Labs xehed li hu beda fl-ewwel ta' Dicembru 1996 u spicca fl-ahhar ta' Mejju, 1997. Qal li hu kien involut fil-formazzjoni tal-kumpanija u kien responsabbli mill-ghazla ta' nies. Peress li kien ilu numru ta' snin involut fix-xoghol tal-Information Technology, s'intendi kien jaf numru ta' nies li kienu tal-abbilta' ghal dan ix-xoghol. Kien ingagga lill-appellant ghax kien ilu jafu tlieta jew erba' snin, kien jaf li hu wiehed mill-aktar Technicians bravi li kellna fil-pajjiz, kien tah xi xoghol hu u kien hargu ta' ragel fix-xoghol li kien tah.

Ix-xhud qal li sa kemm dam fil-kumpanija kien iqis lill-appellant bhala persuna li ta kontribut qawwi hafna ghat-twaqqif tal-kumpanija.

Ix-xhud qal li meta mpjega lill-appellant kien ftiehem mieghu fuq salarju ta' hames elef lira Maltin fis-sena.

__Trattazzjoni Finali__

Fit-trattazzjoni finali l-kumpanija qalet li qatt ma tterminatlu l-impjieg tieghu, pero' hassitu li ma hux postu fil-kumpanija izda hu kien gie repetutament mistoqsi fejn jista' jitpogga jahdem forsi b'inqas paga.

Il-kumpanija kienet sabitu jahdem darbtejn fuq xoghol li ma hux relatat mat-tip ta' xoghol li kien suppost jaghmel. Kienet giet migbuda l-attenzjoni tieghu izda kellha evidenza li kien kompla xorta wahda. Kien ukoll jigi dejjem tard ghax-xoghol. Il-kumpanija qalet li hu qabad u telaq.

L-appellant fit-trattazzjoni finali qal li hu gie mkecci bla avviz, qatt ma kellu ebda *warning.* Ivan Carabott, direttur li hu wkoll it-tifel tal-principal kienu dejjem ikunu vicin xulxin ghax kienu hbieb hafna, kien isiefer mieghu fuq xoghol. L-appellant qal li hi kontradittorja li l-kumpanija tghid fit-trattazzjoni finali li qatt ma keccietu meta hu ghandu ittra ffirmata datata 22 ta' Lulju, 1997 kif ukoll kitbu lill-E.T.C. li temmewlu l-impjieg. L-appellant cahad li hu qabad u telaq, qal li kien Phelan li qallu, "you have to leave now". Appena qallu hekk qabad l-affarijiet tieghu u telaq. Cahad li kien ghamel xi xoghol ghal kumpanija ohra. B'dak li ntqal li sabu evidenza din haga li ma tistax tkun ghax fuq *computer* illum *file* tista' toholqu taghtih id-data li trid izda jekk irid jaghmel xi *false evidence* jista' jaghmilha facli.

Qal li issa sab xoghol u qieghed fl-istess linja kif dejjem kien. Hu jifhem li gie mkecci ngustament u wkoll ihossu offiz hafna li gie mghajjar injorant. Kull ma qed jitlob hu li jigi mghoti kumpens xieraq.

**Konkluzzjoni**

L-appellant gie tterminat mill-impjieg tieghu fit-22 ta' Lulju, 1997. Fl-ittra indikata l-kumpanija qalet li ma kienx kompetenti ghal post ta' Multi-media Developer tant li ghamel zmien idur diversi sezzjonijiet tal-kumpanija li l-istess kien jinhtieg livell ta' kompetenza li ma kellux.

It-Tribunal jinnota nuqqas serju meta l-appellant gie servut b'ittra ta' licenzjament, waqt li sew matul is-smigh tal-kaz kif ukoll fit-trattazzjoni finali l-kumpanija tghid li ma keccietx lill-appellant. Ghal kumpanija ta' dan il-livell din l-attitudni ma tawgurax tajjeb.

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-tkeccija mill-impjieg ma saritx ghar-raguni gusta u sufficcjenti u jordna li jinghata kumpens ta' elfejn u tlett mitt lira Maltin (Lm2,300) li jigu mhallsa fi tliet pagamenti ugwali kull xahar. L-ewwel pagament irid isir fis-27 ta' April, 1998.

It-Tribunal jordna wkoll illi Artiklu 8 tal-Ftehim ma ghandux effett fir-rigward tal-appellant ghax imur kontra d-dritt tal-liberta' tal-impjieg.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

**Alphonse Caruana**
**CHAIRMAN**

**Joyce Agius**
**A/SEGRETARJA**

mrg